

Brussell, 22 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8663/26

CDR 83

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mit-8 ta' Ġunju 2026 sal-25 ta' Jannar 2030 u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2025/71 - Adozzjoni

---

1. Il-mandat preċedenti tal-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni ntemm fil-25 ta' Jannar 2025<sup>1</sup>.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għal mandat ta' ħames snin, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.
3. Permezz tad-dokument 9007/24, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill stieden lill-Istati Membri jippreżentaw il-proposti tagħhom għal kandidati għall-ħatra bħala membri u membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

4. Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71<sup>2</sup>, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030. Dik id-Deċiżjoni ħatret, għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030, il-membri u l-membri supplenti proposti mill-Gvern Estonjan, Irlandiż, Kroat, Ċiprijott, Latvjan, Lussemburgiż, Malti, Netherlandiż, Awstrijak, Portugiż, Sloven, Slovakk, Finlandiż u dak Żvediż. Bid-Deċiżjoni (UE) 2025/71, inħatru wkoll għall-istess perjodu 12-il membru u disa' membri supplenti proposti mill-Gvern Ċek, seba' membri u disa' membri supplenti proposti mill-Gvern Daniż, 23 membru u 19-il membru supplenti proposti mill-Gvern Ġermaniż, 11-il membru u 12-il membru supplenti proposti mill-Gvern Grieg, 20 membru u 20 membru supplenti proposti mill-Gvern Spanjol, 22 membru u 24 membru supplenti proposti mill-Gvern Taljan, 21 membru u 20 membru supplenti proposti mill-Gvern Pollakk u disa' membri u disa' membri supplenti proposti mill-Gvern Rumun.
5. Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/201<sup>3</sup> li taħtar, għall-istess perjodu, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni proposti mill-Gvern Bulgaru, Litwan u dak Ungeriż. Id-Deċiżjoni (UE) 2025/201 ħatret ukoll għall-istess perjodu għaxar membri u għaxar membri supplenti proposti mill-Gvern Belġjan, 24 membru u 23 membru supplenti proposti mill-Gvern Franċiż. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (UE) 2025/201 ħatret żewġ membri u membru supplenti wieħed proposti mill-Gvern Daniż, b'wieħed mill-membri inizjalment maħtur bħala membru supplenti bid-Deċiżjoni (UE) 2025/71. Hija ħatret ukoll membru supplenti wieħed propost mill-Gvern Taljan wara r-riżenja ta' membru supplenti maħtur bid-Deċiżjoni (UE) 2025/71.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj>).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/201 tal-21 ta' Jannar 2025 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2025/71 (ĠU L, 2025/201, 31.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/201/oj>).

6. Fit-18 ta' Frar 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/378<sup>4</sup> li taħtar, għall-perjodu mit-18 ta' Frar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030, żewġ membri u żewġ membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni proposti mill-Gvern Belġjan, żewġ membri supplenti proposti mill-Gvern Ġermaniż, membru propost mill-Gvern Grieg, membru u membru supplenti proposti mill-Gvern Spanjol, żewġ membri proposti mill-Gvern Taljan, sitt membri u sitt membri supplenti proposti mill-Gvern Rumun, u membru supplenti propost mill-Gvern Pollakk. Ħatar ukoll membru Ġermaniż propost mill-Gvern Ġermaniż wara r-riżenja ta' membru maħtur bid-Deċiżjoni (UE) 2025/71.
7. Fit-13 ta' Mejju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/954<sup>5</sup>. B'dik id-Deċiżjoni, ħatar, għall-perjodu mit-13 ta' Mejju 2025 sal-25 ta' Jannar 2030, membru wieħed u membru supplenti wieħed proposti mill-Gvern Ġermaniż, u tliet membri supplenti proposti mill-Gvern Ċek. Barra minn hekk, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2025/954, il-Kunsill ħatar membru wieħed propost mill-Gvern Ġermaniż wara t-tmiem, qabel il-bidu tal-mandat attwali tal-Kumitat tar-Reġjuni, tal-mandat li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra membru Ġermaniż u maħtur bid-Deċiżjoni (UE) 2025/71. Ħatar ukoll membru wieħed propost mill-Gvern Awstrijak wara t-tmiem, qabel il-bidu tal-mandat attwali tal-Kumitat tar-Reġjuni, tal-mandat li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra membru Awstrijak u maħtur bid-Deċiżjoni (UE) 2025/71.

---

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/378 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mit-18 ta' Frar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2025/71 (ĠU L, 2025/378, 6.3.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/378/oj>).

<sup>5</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/954 tat-13 ta' Mejju 2025 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mit-13 ta' Mejju 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2025/71 (ĠU L, 2025/954, 22.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/954/oj>).

8. Fl-10 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/2119<sup>6</sup>. B'dik id-Deċiżjoni, ħatar, għall-perjodu mill-10 ta' Ottubru 2025 sal-25 ta' Jannar 2030, żewġ membri supplenti proposti mill-Gvern Ġermaniż.
9. Permezz ta' ittra tal-21 ta' Novembru 2025<sup>7</sup>, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Regġuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Rogério David SÁDIO DA SILVA u s-Sa Cristina de Fátima SILVA CALISTO nħatru bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030. Wara tmiem dawn il-mandati fid-9 ta' Diċembru 2024 u l-4 ta' Marzu 2024 rispettivament, il-Gvern Portugiż ippropona, permezz ta' ittra tat-13 ta' April 2026<sup>8</sup>, li s-Sa Sónia Isabel FERNANDES SANFONA CRUZ MENDES u s-Sa Filomena PASCOAL SINTRA jinħatru bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni.
10. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 8661/26, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.
11. Il-ħatra tal-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni bid-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 8661/26 ser tiġi segwita f'data aktar tard bil-ħatra ta' membru supplenti ieħor, li fir-rigward tiegħu l-proposta għall-ħatra ma ġietx ikkomunikata lill-Kunsill mill-Istat Membru kkonċernat qabel it-1 ta' Mejju 2026.

---

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2119 tal-10 ta' Ottubru 2025 li taħtar membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perjodu mill-10 ta' Ottubru 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/2119, 16.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2119/oj>).

<sup>7</sup> 5686/26.

<sup>8</sup> 8412/26.